**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Alfred Polidano, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 228373(M);**

***Kump. Nru. 552/2016***

Illum 28 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Polidano talli:

> F'dawn il-Gżejjer, bejn Lulju 2014 u Lulju 2016 b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, approprija ruħhu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) għad-dannu ta' Michaelina Zammit, anzjana ta' 87 sena, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema flus kienu ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat serju li jinsab akkuzat bih l-imputat. Dan kien kaz fejn li kieku ma kienx ghal rapport li sar lill-awtoritajiet minn terz, kien jissokta l-agir tal-imputat fejn baqa' juza abbuzivament prokura sabiex jigbed flejjes mill-kont bankarju ta' zitu, persuna vulnerabbli kif imfisser fl-artikolu 208AC(2)tal-Kodici Kriminali. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat mhux xi *first time offender* izda l-aktar konsiderazzjoni importanti kienet tal-fatt li, kif setghet tikkonstata l-Qorti, il-parte leza thossha mitlufa minghajr il-presenza tal-imputat f'hajjitha. Lanqas ma jista' jigi minsi li ghalkemm l-imputat naqas u naqas serjament, dan baqa' u ghadu jiehu hsieb lill-parte leza li anke ttiehdet tghix mieghu. Certament ghalhekk li kieku l-Qorti kellha tinfliggi piena karcerarja, minghajr ombra ta' dubbju tkun qed tasal biex tikkastiga lill-parte leza stess intortament.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas is-somma ta' €24,000 f' kont bankarju registrat f'isem il-parte leza, liema somma ghandha tithallas kull tlett xhur ratejalment. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Fl-ahharnett il-Qorti tissolecita banek u istituzzjonijiet finanzjarji ohra sabiex fejn jidhlu persuni vulnerabbli jew ta' eta avvanzata, ikun hemm aktar vigilanza u aktar skruttinju. Dan certament jissarraf fi protezzjoni aktar xierqa lill-klijenti tal-istess bank jew istituzzjoni finanzjarja.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**